**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 269/2019 RM**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**-vs-**

**Rita Brincat**

**Illum, 29 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenuta thallas lilha s-somma ta' hdax-il elf u erba' mitt Euro (€11,400.00) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-hlas, liema ammont hu rapprezentanti hlas tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura Toyota Vitz targata FBX-886, liema vettura giet akkwistata permezz ta' kuntratt 'hire and purchase' bejn il-partijiet datat hamsa (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (hawn anness).

Rat li l-konvenuta giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza fil-5 ta' Frar 2020[1];

Rat illi l-konvenuta baqghet ma deheritx quddiem il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020, il-konvenuta wara li gie msejjha diversi drabi, naqset milli tidher biex twiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni taghha;

Semghet ix-xhieda ta' Thorn Mangion fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 u semghet ukoll ix-xhieda ta' Luke Milton fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tas-socjeta` attrici waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2020;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollja ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi b'din l-azzjoni is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura bin-numru tar-

[1] Vide fol. 10 *tergo*.

registrazzjoni FBX-886 li giet konsenjata lill-konvenuta taht titolu ta' *hire purchase* skont ftehim datat 29 ta' Marzu 2019.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020, il-konvenuta wara li gie msejha diversi drabi, naqset milli tidher ghas-subizzjoni.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[2], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[3] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia[4]**, bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Ikkunsidrat;

[2] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[3] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[4] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Illi fil-kaz odjern, oltre ghas-subizzjoni tal-konvenuta, il-kumpannija attrici ressqet kopja tal-ftehim ta' *hire-purchase* datat 29 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu l-konvenuta intrabtet illi thallas il-prezz ta' €12,000 permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' €200 li kellhom jithallsu fl-29 gurnata ta' kull xahar, u pprezentat ukoll kopji tal-kambjali illi gew konsenjati lilha mill-konvenuta ghall-hlas ta' kull pagament li jaghlaq skont kif miftiehem fil-ftehim in kwistjoni[5].

Illi x-xhud Thorn Mangion, impjegat tas-socjeta` attrici, xehed illi wara li hallset tliet pagamenti, il-konvenuta ma baqghetx thallas skont il-ftehim, bil-konsegwenza illi huwa dovut minghandha bilanc fuq il-prezz tal-vettura fis-somma ta' €11,400 u dan kif jirrizulta mill-istatement of account Dok. TM5. Xehed ukoll illi sussegwentement is-socjeta` attrici giet infurmata li kien sar rapport li l-vettura kienet instabet mahruqa.

Illi x-xhud Luke Milton, sales manager tas-socjeta` attrici xehed illi l-vettura Toyota Vitza bin-numru ta' registrazzjoni FBX-886 inharqet fit-23 ta' Settembru 2019 izda ma kienetx assikurata kontra l-hruq u kienet assikurata biss kontra riskji ghal terzi persuni. Ikkonferma illi l-vettura tinsab fil-pussess tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fehmet illi din m'hijiex azzjoni *cambiaria* ghaliex evidentement, is-socjeta` attrici ma mxietx skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 u f'kull kaz, jigi osservat illi bosta mill-kambjali li nhargu ghall-hlas tal-prezz tal-vettura, li jinsabu esebiti in atti, ghadhom sal-lum mhux skaduti. Jirrizulta minflok, illi l-azzjoni odjerna ghall-hlas tal-ammont bilancjali dovut fuq il-vettura, tinsab imsejsa fuq il-klawsola 7 tal-ftehim tad-29 ta' Marzu 2019,

[5] Dok. TM3.

liema klawsola jaghti jedd lis-sid, ossia s-socjeta` attrici, illi jitlob il-hlas immedjat tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura f'kaz *inter alia* ta' "*default on the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect* [*sic*. effect] *payment.*"

Il-Qorti tosserva illi skont il-klawsola 7.2 u 7.2.1 tal-istess ftehim ta' *hire purchase*, il-morozita` tal-*Hirer* (f'dan il-kaz, il-konvenut) fil-pagamenti tal-prezz tal-vettura, twassal ghat-terminazzjoni i*pso iure* [*sic.*] tal-kuntratt kif ukoll taghti l-jedd lis-socjeta` attrici, bhala s-sid tal-vettura, li titlob u tikseb ir-restituzzjoni immedjata tal-pussess fizika tal-vettura. Huwa sinjifikanti wkoll li gie miftiehem fl-istess skrittura, dejjem skont il-klawsola 7.2, illi f'kaz ta' restituzzjoni tal-pussess tal-vettura lis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici ghandha l-jedd titlob il-hlas tad-differenza bejn il-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura skont il-ftehim, u l-prezz tal-vettura wara li din terga' tinbiegh presumibbilment, lil terzi.

Dan premess u stabbilit, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenuta li twiegeb ghall-kaptiolu ghas-subizzjoni, ipprovoka il-konfessjoni taghha ghat-talba ghall-hlas tal-bilanc shih tal-prezz u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis ukoll li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenuta fil-kwadru tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula. Fi kwalsiasi kaz, gie debitament ippruvat mix-xhieda ta' Thorn Mangion u Luke Milton illi l-konvenuta hija moruza ai termini tal-ftehim ghaliex naqset milli thallas iktar minn pagament wiehed mensili dovut skont il-ftehim u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-klawsola 7 tal-ftehim, is-socjeta` attrici ghandha l-jedd li titlob il-hlas immedjat tal-bilanc dovut fuq il-prezz tal-vettura.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz in dizamina, ghalkemm il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` attrici ghandha jedd, minhabba l-morozita` tal-konvenuta fil-hlas tar-ripagamenti mensili ai termini tal-klawsola 7 tal-ftehim, ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz, madanakollu, mill-provi jirrizulta illi l-vettura giet konsenjata lura lis-socjeta` attrici u tinsab fil-pussess taghha. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-istess attrici ghandha timxi skont dak li gie pattwit fil-klawsola 7.2 u tnaqqas mill-bilanc tal-prezz lilha dovut skont il-ftehim, il-prezz tal-vettura li giet hekk ritornata lilha.

Dan qed jinghad ghaliex galadarba jirrizulta illi l-vettura giet ritornata lis-socjeta` attrici u tinsab fil-pussess taghha, jekk tintlaqa' t-talba taghha ghall-hlas tal-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura, kif del resto minnha mitlub f'dawn il-proceduri, hija tkun qieghda evidentement tarrekkixxi ruuha indebitament a skapitu tal-konvenuta u l-Qorti trid tara li dan ma jsirx. Il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici, galadarba giet reintegrata fil-pussess tal-vettura li taghha hija wara kollox is-sid licenzjat[6], ghandha jedd ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz mhux imhallas, **wara** li jitnaqqas minn dan il-bilanc il-valur tal-vettura u mhux tal-bilanc kollu dovut.

Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex is-socjeta` attrici tithallas id-differenza **bejn il-bilanc tal-prezz mhux imhallas skont il-ftehim, cioe` s-somma ta' hdax-il elf u erba' mitt Euro (€11,400) u r-rikavat mill-bejgh tal-vettura**, **u dan b'applikazzjoni tal-klawsola numru 7.2 tal-ftehim.** Wara kollox, din il-Qorti bhala l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandha s-setgha, skont l-Artikolu 213 tal-Kapitolu 12 illi f'kaz li ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor, għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, hija tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors.

Ikkunsidrat finalment;

[6] Ara Dok. TM4, fol. 49 u 50.

Kwantu ghall-imghax, billi ma jirrizultax illi l-obbligazzjoni hija wahda kummercjali anke ghaliex kif diga` nghad, l-azzjoni odjerna m'hijiex wahda ta' natura kambjarja, dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenut a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili. Izda, f'dan il-kaz, billi ma giet esebita l-ebda interpellazzjoni ufficjali, il-Qorti tqis illi l-konvenuta giet interpellata ufficjalment ghall-ewwel darba ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza bil-prezentata tar-rikors promotur fit-22 ta' Novembru 2019.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, abbazi tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, filwaqt li tiddikjara li l-konvenuta Rita Brincat hija debitrici tas-socjeta` attrici No Deposit Cars Malta Limited, tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici d-differenza bejn is-somma ta' hdax-il elf u erba' mitt Euro (€11,400.00) rapprezentanti l-bilanc mhux imhallas fuq il-prezz tal-vettura targata FBX-886 bl-imghax dovut mit-22 ta' Novembru 2019, u l-valur tal-vettura, u dan billi s-socjeta` attrici ghandha qabel xejn tipprocedi minnufih bil-bejgh tal-imsemmija vettura taht l-awtorita` tal-Qorti b'dan illi mis-somma ta' €11,400 ghandu jitnaqqas il-quantum tar-rikavat tal-bejgh tal-vettura kif hawn ordnat.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**